32003D0169

L 67/25 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 12.3.2003

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2003/169/JHA
## tas-27 ta' Frar 2003
## li tistabbilixxi liema disposizzjonijiet mill-Konvenzjoni ta' l-1995 dwar il-proċedura ssimplifikata ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta l-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni ta' l-1996 li għandha x'taqsam ma' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tikkostitwixxi żviluppi ta' l-acquis ta' Schengen skond il-Ftehim li jirrigwarda l-assoċjazzjoni tar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-aquis ta' Schengen

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(b), u l-Artikolu 34(2)(ċ) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-inizjattiva tar-Renju ta' l-Isvezja ([1]),

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Bil-għan li jinkisbu l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill stabbilixxa l-Konvenzjoni dwar il-proċeduri ssimplifikati ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([3]) (minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Konvenzjni ta' l-Estradizzjoni"). ([4])

(2) Sabiex tiġi żgurata sitwazzjoni legali ċara u mingħajr ambigwità huwa meħtieġ li tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet ta' hawn fuq u dawk tal-Kapitolu 4 tat-Titolu III tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni ([5]) (minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Schengen"), li kienu inkorporati ġewwa l-qafas ta' l-Unjoni Ewropea meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Amsterdam fl-1 ta' Mejju 1999.

(3) Huwa meħtieġ ukoll li jiġu assoċjati r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja ma' l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar l-Etradizzjoni Ssimplifikata u wħud mid-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni li jikkostitwixxu żvilupp fl-*acquis* ta' Schengen u jidħlu fl-iskop ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti sabiex jiġi applikat il-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jirrigwarda l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ([6]).

(4) Il-proċeduri ddikjarati fil-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea mar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jirrigwardaw l-assoċjazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ([7]) (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Assoċhazzjoni") ġew osservati rigward din id-Deċiżjoni.

(5) Meta r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja jiġu nnotifikati bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni skond l-Artikolu 8(2)(a) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, dawn iż-żewġ Stati jridu jiġu mitluba, meta jgħarrfu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar it-twettiq tal-ħtiġiet kostituzzjonali tagħhom, li jagħmlu d-dikjarazzjonijiet rilevanti u jagħtu n-notifiki rilevanti skond l-Artikolu 7(4), l-Artikolu 9, l-Artikolu 12(3) u l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni Ssimplifikata u l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 13(2) tal-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni Ssimplifikata tikkostitwixxi żvilupp fid-disposizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, u b'mod partikolari ta' l-Artikolu 66 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

### *Artikolu 2*

L-Artikoli 2, 6, 8, 9 u 13 tal-Konvenzjoni dwar l-Estradizzoni u l-Artikolu 1 tagħha, safejn u sakemm dan l-Artikolu huwa pertinenti għal dawn l-Artikoli l-oħra, jikkostitwixxu żvilupp fid-disposizzjonijiet ta' l-*acquis* tax- Schengen, u b'mod partikolari l-Artikoli 63 u 65 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

([1]) ĠU C 195, tal-11.7.2001, p. 13.
([2]) Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Novembru 2001 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 78, tat-30.3.1995, p. 2.
([4]) ĠU C 313, tat-23.10.1996, p. 12.
([5]) ĠU L 239, tat-22.9.2000, p. 19.
([6]) ĠU L 176, tal-10.7.1999, p. 31.
([7]) ĠU L 176, tal-10.7.1999, p. 36.

*Artikolu 3*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni Ssimplifikata għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Islanda u għan-Norveġja fl-istess data li fiha din il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ skond l-Artikolu 16(2) tagħha, jew, jekk din id-data tkun qabel l-1 ta' Lulju 2002, fid-data ta' din ta' l-aħħar.

2. Qabel ma tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni dwar l-Estadizzjoni Ssimplifikata għall-Islanda jew in-Norveġja, l-Islanda u n-Norveġja jistgħu, meta jinnotifikaw it-twettiq tal-ħtiġiet kostituzzjonali tagħhom skond l-Artikolu 8(2) tal-Ftehim ta' Assoċazzjoni, jiddikjaraw illi dawn id-disposizzjonijiet japplikaw għar-relazzjonijiet tagħhom ma' l-Istati li jkunu għamlu l-istess dikjarazzjoni. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jidħlu f'effett 90 jum wara d-data tad-depożitu tagħhom.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-Artikoli 2, 6, 8, 9 u 13 tal-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Islanda u għan-Norveġja fid-data illi fiha din il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ skond l-Artikolu 18(3) tagħha, jew, jekk din id-data tkun qabel l-1 ta' Lulju 2002, fid-data ta' din ta' l-aħħar.

4. Qabel ma jidħlu fis-seħħ għall-Islanda jew in-Norveġja d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar l-Estadizzjoni riferiti fil-paragrafu 3, l-Islanda u n-Norveġja jistgħu, meta jinnotifikaw it-twettiq tal-ħtiġiet kostituzzjonali tagħhom skond l-Artikolu 8(2) tal-Ftehim ta' Assoċazzjoni, jiddikjaraw illi dawn id-disposizzjonijiet japplikaw għar-relazzjonijiet tagħhom ma' l-Istati li jkunu għamlu l-istess dikjarazzjoni. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jidħlu f'effett wara d-data tad-depożitu tagħhom.

*Artikolu 4*

1. Fl-istess data li fiha l-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni Ssimplifikata tidħol fis-seħħ skond l-Artkolu 16(2) tagħha, għandu jitħassar l-Artkolu 66 tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Madankollu, din id-disposizzjoni għandha tissokta tapplika għat-talbiet ta' l-estradizzjoni ssottomessi qabel din id-data, għajr jekk l-Istati Membri interesati jkunu diġà applikaw il-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni Ssimplifikata bejniethom infushom skond id-dikjarazzjonijiet magħmula skond l-Artikolu 16(3) tagħha.

2. Fl-istess data li fiha l-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni tidħol fis-seħħ skond l-Artikolu 18(3) tagħha, għandhom jitħassru l-Artkolu 61, l-Artkolu 62(1) u (2) u l-Artkoli 63 u 65 tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Madankollu, dawn id-disposizzjonijiet għandhom jissoktaw japplikaw għat-talbiet ta' l-estradizzjoni ssottomessi qabel din id-data, għajr jekk l-Istati Membri interessati jkunu diġà applikaw il-Konvenzjoni dwar l-Estradizzjoni bejniethom infushom skond id-dikjarazzjonijiet magħmula skond l-Artikolu 18(4) tagħha.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Frar 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. CHRISOCHOÏDIS